MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2011

Numru. 842/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Robert Farrugia, 41 sena, bin Joseph u Angela nee` Falzon, imwieled Pieta` fil-31 ta' Marzu 1970, residenti Sweet Heart WesghaF. Bugeja, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identia` 159170M**

**Wallace Hayman, 39 sena, bin Arthur u Catherine nee` Schembri, imwieled Pieta' fid-29 ta' Awissu 1971, residenti Plot 22, Triq Sir David Bruce Imtarfa u detentur tal-karta ta' l-identita` 389371M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati Robert Farrugia u Wallace Hayman li gew akkuzati:

Talli nhar it-23 ta’ Lulju 2011 ghal habta ta’ 4.00 am gewwa Zurrieq attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw, gheddew u ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Carlos Cordina u PC1114 M. Hili, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu fis-sakra b’mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom.

Wallace Hayman wahdu gie akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Zurrieq volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Euro 163 arlogg tal-id ghad-dannu tal-Ispettur Carlos Cordina.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali nadifa taghhom u l-fatt illi l-imputati hallsu d-danni li sofferti mill-parte leza. Madankollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dan kien incident iehor ta' attack u resistenza fuq ufficjalo tal-pulizija filwaqt li dawn kienu qed jaqdu dmirijiethom u dana f'xi festa ta' xi belt jew rahal.

Inoltre billimi c-cirkostanzi tal-kaz jidher illi s-sewqan tal-imputat ma kienx wiehed perikoluz hafna l-Qorti mhix ser tghaddi ghall-iskwalifika tal-licenjza tas-sewqan.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(ee), 338(dd),338(ff) u fil-konfront ta' l-imputat Wallace Hayman ukoll l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lill-imputat Robert Farrugia ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija u lill-imputat Wallace Hayman ghal seba' (7) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 tal-Kapitolu 77 tordna li l-kundanna imposta fuq il-hatja llum ma tigix imnizzla fuq ic-certifikat tal-kondotta taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------